MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2010

Rikors Numru. 393/2009

**E.Ferris & Sons Limited**

**Vs**

**Glenn Debattista**

Seduta tal-Gimgha, 15 ta' Jannar 2010

**Il-Qorti**

Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erbat elef erba' mija u disgha u sittin euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€4469.21) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu fuq ordni tieghu stess, prevja dikjarazzjoni li l-konvenut ghandu jhallas din is-somma ghar-ragunijiet precitati ; bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra

legali u bl-imghax relattiv mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

Rat li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem din il-Qorti.

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Rat l-atti tal-kawza u semghat lil Adrian Ferris, Direttur tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, il-Qorti tilqa' t-talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erbat elef erba' mija u disgha u sittin euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€4469.21), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------